**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Victor Vella

**Artikolu 338 (ee): "Tfixkil" - Ordni Leġittimu - Tentattiv ta' Kontravvenzjoni - Nullità ta' Sentenza**

*It-tfixkil ikkontemplat fl-artikolu 338 (ee) tal-Kodiċi Kriminali jrid ikun sar bl-iskop li b'xi mod jagħmilha aktar diffiċli biex il-pulizija tagħmel xogħlha, jew taħt ċirkostanzi li fihom dak li jkun għandu raġonevolment jobsor li dak li qed jagħmel sejjer ifixkel lill-pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom.*

*Il-liġi titkellem dwar min ifixkel u mhux ukoll dwar min jipprova ifixkel. Għalhekk, jekk ikun hemm tentattiv ta' tfixkil mingħajr però ma jkun ġie effettivament imfixkel l-uffiċjal in kwistjoni, dan mhux reat, tenut kont tal-fatt li skond l-artikolu 41 (2) "it-tentattiv ta' kontravvenzjoni ma jaqa' taħt ebda piena, ħlief fil-każijiet imsemmijin espressament fil-liġi".*

*Ma jkun hemm ebda nullità fil-proċeduri ta' l-Ewwel Qorti għas-sempliċi fatt li l-Maġistrat iżomm seduta f'post li mhux addett għall-Qrati tal-Maġistrati.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Victor Vella talli fid-19 ta' Marzu, 1996 għall-ħabta ta'

l-għaxra u għaxar minuti ta' filgħodu ġewwa Triq l-Isqof F.X. Caruana, l-Imsida: (1) inġurja jew hedded lil P.S. 436 Bonavia, persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien għamel dak is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; u (2) naqas li jobdi l-ordni leġittima tal-pulizija, persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, jew ma ħallihomx (jagħmlu) jew fixkilhom fil-qadi ta' dmirijiethom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-15 ta' Mejju, 1996 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Victor Vella ħati skond iż-żewġ imputazzjonijiet u kkundannatu ammenda ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Victor Vella, minnu ppreżentat fl-20 ta' Mejju, 1996, li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant għandu żewġ aggravji. L-ewwel wieħed hu fis-sens li s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti għandha tiġi ddikjarata nulla peress li hu ma tħalliex ikun assistit mill-avukat tiegħu. Jiħder li dak li ġara kien li l-Qorti tal-Maġistrati kienet qed iżżomm l-udjenzi f'waħda mill-Awli tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u preċiżament fl-awla normalent użata mill-Onorevoli Imħallef Alberto Magri (fejn dari kien hemm l-uffiċċju tar-reġistratur). L-avukat ta' l-appellant, Dott. Joseph Galea Debono, kien qed jittratta kawża quddiem il-Qorti ta' l-Appell fit-tielet sular - fejn hemm il-parti l-kbira ta' l-awli tal-Qrati Superjuri - u meta spiċċa, peress li ma kien hemm ebda indikazzjoni li l-Qorti tal-Maġistrati kienet qed iżżomm is-

seduta fit-tieni sular flok f'waħda mill-awli soliti fil-pjan terren, hu mar ifittex fil-pjan terren u, naturalment, la sab il-klijent tiegħu u anqas l-awla tal-maġistrat li kienet qed tisma' l-kawża. Sakemm sab fejn fil-fatt kienet qed tinżamm l-udjenza tal-kawża, il-kawża kienet ġà nstemgħet u ġiet deċiża;

Issa, għalkemm huwa veru li mhux desiderabbli li l-Qrati Inferjuri jżommu seduti fl-awli tal-Qrati Superjuri għal diversi raġunijiet, fosthom minħabba xi ftit ta' konfużjoni li jistgħu joħolqu fost l-imputati u fost ix-xhieda, avukat għandu dejjem jasal fl-edifizzju tal-Qorti f'ħin utili biex jivverifika minn qabel fejn ikunu ser jinżammu l-udjenzi li fihom huwa għandu jidher; u f'każ li jara li hemm il-possibilità li jiġi msejjaħ f'żewġ awli fl-istess ħin, jagħmel l-arranġamenti meħtieġa. Kif jidher mill-aħħar parti tal-paragrafu numru 7 tar-rikors ta' appell, l-appellant qed jeċċepixxi n-nullità tas-sentenza minħabba s-sempliċi fatt li l-Ewwel Qorti żammet is-seduta "f'post li mhux addett għall-Qrati tal-Maġistrati", il-liġi, però, fl-artikolu 412 (3) tal-Kodiċi Kriminali, tgħid biss li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għandha żżomm is-seduti tagħha fil-Belt Valletta mingħajr ma tispeċifika aktar (u salv id-dritt ta' dik il-Qorti li żżomm seduti fil-Lazzarett jew f'xi post ieħor meta akkużat jew xhud ikun kwarantina - tieni proviso ta' l-imsemmi subartikolu (3) ta' l-artikolu 412). Għalhekk din il-Qorti ma tara li hemm ebda nullità fil-proċeduri ta' l-Ewwel Qorti għas-sempliċi fatt li l-Maġistrat in kwistjoni ddeċidiet, presumibbilment minħabba li ma kienx hemm awla disponibbli fil-pjan terren, li żżomm l-udjenza tal-każ in diżamina f'waħda mill-awli normalment użati mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-meritu. Hu jgħid li minħabba konflitt fil-provi hu ma kellux jinstab ħati skond iż-żewġ imputazzjonijiet lilu addebitati. L-ewwel imputazzjoni tipotizza r-reat ta' oltraġġ lil uffiċċjal pubbliku; it-tieni imputazzjoni tipotizza l-kontravvenzjoni ikkontemplata fl-

artikolu 388 (ee) tal-Kap. 9. Din il-Qorti kellha l-beneficċju li tisma' lix-xhieda, inkluż l-appellant, jiddeponu quddiemha, u hi tal-fehma li l-ewwel imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentment ippruvata. Għalkemm jirriżulta li l-appellant kien urtat bil-mod kif kellmu s-Surġent 432 Bonavia - għax l-appellant ħass li dana s-surġent ma kienx edukat biżżejjed miegħu - din il-Qorti mhix sodisfatta li l-appellant qal diskors li jammonta għal inġurja jew theddid fil-konfront ta' l-imsemmi surġent;

Anqas it-tieni imputazzjoni ma tirriżulta ppruvata. Il-parti relevanti tal-paragrafu (ee) ta' l-artikolu 338 tal-Kodiċi Kriminali titkellem dwar "ma jħallihx jew ifixklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu" (fit-test Ingliż "*hinders or obstructs such person in the exercise of his duties*"). Il-liġi titkellem dwar min ifixkel u mhux ukoll dwar min jipprova jfixkel. Għalhekk, jekk ikun hemm tentattiv ta' tfixkil mingħajr però ma jkun ġie effettivament imfixkel l-uffiċjal in kwistjoni, dan mhux reat, tenut kont ukoll tal-fatt li skond l-artikolu 41 (2) "it-tentattiv ta' kontravvenzjoni ma jaqa' taħt ebda piena, ħlief fil-każijiet imsemmijin espressament fil-liġi". Ma hemmx dubbju li, meta l-appellant mar iċempel il-bibien tan-nies li kellhom vetturi parkeġġjati illegalment biex javżahom li l-pulizija kienu qed jagħtu ċ-ċitazzjonijiet f'dik it-triq biex b'hekk ineħħu dawk il-vetturi, hu kien qed jipprova ifixkel liż-żewġ pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom. Kif ġie ritenut minn Lord Goddard fil-kawża **Hinchcliffe *vs* Sheldon** (1955) 1 WLR 1205:

"*obstructing ... means making it more difficult for the police to carry out their duties*" (p.. 1210);

Naturalment, dan it-tfixkil (*obstruction*) irid ikun sar bl-iskop li b'xi mod jagħmilha aktar diffiċli biex il-pulizija

taghmel xoghlha, jew taht ċirkostanzi li fihom dak li jkun ghandu raġonevolment jobsor li dak li qed jaghmel sejjer ifixkel lill-pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom;

"*In other words, what would appear to be required is some awareness on the part of the defendant that he was making the task of the police a more difficult one* ..." (Smith, A.T.H., Offences Against Public Order, Sweet & Maxwell (London),p. 194);

Fil-każ odjern l-appellant ċertament ipprova jfixkel lis-Surġent Bonavia u lill-Kuntistabbli Mizzi billi javża lill-ġirien biex ineħħu l-karozzi, iżda b'ebda mod ma jista' jinghad li rnexxielu jaghmlilhom xogħolhom aktar diffiċli. L-unika persuna li rriżulta li wieġbet ghas-sejħa ta' l-appellant kien ċertu Raymond Sansone li ħareġ mid-dar bil-ħsieb li jneħħi l-karozza tiegħu minn fejn kienet ipparkeġġata, iżda wieħed mill-pulizija mill-ewwel qallu biex ma jċaqlaqhiex u hu obda;

Għall-motivi premessi, tilqa' l-appell, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.